IL-KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Lulju 2009

li temenda d-deċiżjoni 2007/679/KE li tistabbilixxi l-ammonti netti li jirriżultaw mill-modulazzjoni fakultattiva fir-Renju Unit għas-snin 2007-2012

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 5027)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(2009/519/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 378/2007 tas-27 ta' Marzu 2007 li jistabbilixxi regoli għal modulazzjoni volontarja ta' pagamenti diretti previsti fir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 [1], b'mod partikulari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/679/KE [2] li tistabbilixxi l-ammonti netti li jirriżultaw fil-modulazzjoni fakultattiva fir-Renju Unit għas-snin 2007-2012 abbażi tar-rati annwali tal-modulazzjoni fakultattiva li japplikaw f'livell reġjonali u kull sena.

(2) L-ewwel Artikolu(5) tar-Regolament (KE) Nru 378/2007 jistipula li r-rati stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 [3], imnaqqsa b'ħames punti perċentwali, għandhom jiġu mnaqqsa mir-rati ta' modulazzjoni fakultattiva applikata mill-Istati membri. Għaldaqstant, l-ammonti netti li jirriżultaw mill-modulazzjoni fakultattiva għandhom jitnaqqsu.

(3) Id-Deċiżjoni 2007/679/KE għandha għalhekk tiġi emendata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2007/679/KE għandu jinbidel bit-test li hemm fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mis-sena tal-baġit 2010.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Lulju 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 4M, 8.1.2008, p. 325.
[2] ĠU L 280, 24.10.2007, p. 25.
[3] ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.

ANNESS

"ANNESS

Ammonti netti li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-modulazzjoni fakultattiva fir-Renju Unit

EUR Miljuni

2009	2010	2011	2012
397,0	374,9	347,3	313,9"